MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Numru. 677/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

*******

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija ****** detentrici tal-karta tal-identita` numru ***********

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Lulju 2014 bejn is-saghtejn ta' filghodu u l-erbgha u ghaxra ta' filghodu (02:00am – 04:10am) minn San Giljan u/jew mill-vicinanzi b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq ta' handbag li kien fih mobile phone, credit card tal-BOV u karta tal-identita' liema serq huwa kkwalifikat bil-'hin' ghad-dannu ta' Sarah Bajada u/jew persuni ohra;
2. Aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkommettiet serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-ghamla Samsung, Euro 10 fi flus kontanti u karta tal-identita' liema serq huwa kkwalifikat bil-'hin' ghad-dannu ta' Ilaria Marie Busuttil u/jew persuni ohra;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ikkommettiet serq ta' handbag li kien fih mobile phone Android, Euro 7 fi flus kontanti u karta tal-identita' liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' (jiskorru l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Euro) imma mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-'hin' ghad-dannu ta' Hannah Francica u/jew persuni ohra;
4. Aktar talli f'Malta xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17, 281(b) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputata u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha, qed issib lill-imputata **************** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin (3) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------